MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1226/2001/1

**Josephine Borg u Helen Borg Bonnici**

**v.**

**Joseph Bianco u b'digriet tad-29 ta' Marzu 2004**
**l-atti gew trasfuzi f'isem Pia Bianco, Noel Bianco,**
**Lino Bianco u Charles Bianco**
**bhala l-eredi tal-mejjet Joseph Bianco**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:

"Billi fis-26 ta' Diċembru, 1976 miet Loreto Bonnici li ddispona mill-ġid tiegħu għal wara mewtu, b'żewġ testmenti fl-atti tan-Nutar Francis X. Dingli tad-9 ta' Novembru, 1976 u 23 ta' Diċembru, 1976 hawn esebiti u markati dokument "A" u "B";

"U billi l-istess Loreto Bonnici nnomina lill-konvenut esekutur testamentarju tiegħu u werrieta lill-istess konvenut u Calcedonio Bonnici u dana wara li ħalla b'titolu ta' legat favur l-atturi l-uzufrutt konguntiv u successiv ta' kwart indiviz ta' l-assi kollha tiegħu;

"U billi fi Frar, 1977 miet l-istess Calcedonio Bonnici u ħalla lill-konvenut bħala uniku werriet tiegħu;

"U billi l-konvenut fil-kors ta' l-amministrazzjoni tal-wirt ta' l-istess Loreto Bonnici bi flus appartenenti lill-istess wirt ħallas it-taxxa tas-suċċessjoni dovuta mill-werrieta ammontanti b'kollox għal Lm23,027 minn flus appartenenti għall-istess wirt;

"U billi kwart minn dawk il-flus uzati mill-konvenut biex iħallas it-taxxa tas-suċċessjoni kif fuq ingħad kien suggett għall-uzufrutt ta' l-atturi u b'dan il-mod il-konvenut ġie naqqas mill-flus dovuti lill-istess atturi in uzufrutt;

"U billi n-nuqqas soffert mill-atturi b'dan l-aġir tal-konvenut kien jammonta għat-telf ta' l-imgħax lilhom dovut fuq is-somma ta' Lm5756.81 rapprezentanti kwart tat-taxxa tas-suċċessjoni fuq imsemmija u li kienu flus appartenenti lill-istess wirt fuq liema l-atturi kellhom id-dritt ta' uzufrutt kif ġia ingħad;

"U billi l-konvenut għalkemm diversi drabi interpellat biex iħallas dawn l-imgħax baqa' inadempjenti;

"Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti;

"1. tiddeċiedi li l-uzufrutt lilhom imħolli kien jinkludi ukoll it-tgawdija ta' l-frutti ta' kwart is-somma kapitali ta'

Lm23,027, u ċioe Lm5756.81, flus appartenenti lill-wirt ta' Loreto Bonnici li ġew uzati mill-istess konvenut biex titħallas it-taxxa tas-suċċessjoni dovuta mill-werrieta;

"2. tikkundanna konsegwentement lill-konvenut biex iħallas lill-atturi l-imgħax fuq l-istess somma kapitali bir-rata stabbilita fil-kodiċi ċivili għall-perijodu kollu mis-26 ta' Diċembru, 1976 sal-lum 11 ta' Lulju, 2001, liema imgħax jammontaw għal Lm10580.40;

"Bl-ispejjeż, bl-imgħax legali fuq l-istess u bl-ingunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni;"

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa:
"Illi in linea preliminari l-preskrizzjoni ai fini ta' l-artikolu 845 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

"In-ne bis in idem stante illi l-mertu jinsab deċiż permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi ċitazzjoni numru 1077/94 FGC deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ġunju 2001;

"Illi fil-mertu u mingħajr pregudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra in substantia t-talbiet atturi huma insostenibbli guridikament essendo li l-ispejjeż konnessi mal-konsenja tal-legat iridu jiġu mħallsa mill-wirt, skond l-artiklu 733 tal-Kap. 16. Qabel ma jsir kwalsiasi rilaxx tal-legat mingħand l-esekutur testamentarju u l-liġi tispeċifika illi t-taxxa tal-mewt trid tkun imħallsa sabiex issir il-konsenja skond l-Artikolu 41(1) tal-Kap. 239. Illi fiż-żmien li l-konvenut sar esekutur testamentarju it-taxxa tal-mewt kienet regolata mill-Kap. 239 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe` l-Att Dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, liema att illum il-gurnata ġie revokat;

"Illi t-taxxa tal-mewt u tad-donazzjoni għandha titħallas minn esekuturi testamentarji mill-proprjeta` li tkun taħt it-tmexxija tagħhom jew mill-wirt skond l-artikolu 38(3) tal-Kap. 239;

"Illi t-taxxa tal-mewt hija dovuta lill-Gvern u għalhekk hija waħda mill-krediti privileggjati li jaggravaw il-beni kollha tal-mejjet skond l-Artikolu 37(1) tal-Kap. 239."

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar, 2003, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut bhala mhix misthoqqa fil-fatt u d-dritt, bl-ispejjez kontra tieghu, u ordnat it-tkomplija tas-smigh tal-kawza skond il-ligi;

Dik il-Qorti tat dik is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi b'din l-azzjoni l-atturi qegħdin jitolbu kumpens għal telf li huma jgħidu li ġarrbu minħabba li ntmess ġid f'wirt li tiegħu igawdu l-użufrutt.  L-atturi, li ghandhom it-tgawdija ta' l-uzufrutt ta' sehem mhux maqsum mill-wirt ta' zijuhom Loreto Bonniċi, qegħdin jixlu lill-imħarrek li uża flus tal-wirt li tiegħu għandhom it-tgawdija biex iħallas bihom it-taxxa tas-suċċessjoni ta' l-istess wirt.  Huma jilmentaw li minħabba għamilu l-imħarrek tellifhom mill-ammont sħiħ ta' frottijiet (imgħax) li kieku kien jmisshom jieħdu kieku l-flus tal-wirt baqgħu mhux mittiefsa;

"Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li lill-atturi kien għalqilhom iż-żmien biex jiftħu din il-kawża; li il-kwestjoni kienet diġa' maqtugha b'sentenza oħra tal-Qorti; u li, fil-mertu, dak li huwa għamel bħala eżekutur testamentarju biex jħallas it-taxxa tal-wirt sar skond il-liġi;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk l-atturi ressqux l-azzjoni tagħhom fiż-żmien;

"Illi <u>mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jew li dwarhom jaqblu l-partijiet, jirriżulta li Loreto Bonniċi għamel testment fid-9 ta' Novembru, 1976[1].  Fost id-dispożizzjonijiet testamentarji tiegħu, huwa ħalla b'titolu ta' legat l-użufrutt ta' kwart mhux maqsum mill-wirt tiegħu favur oħtu Marjanna mart Ġuzeppi Borġ, l-istess Ġuzeppi Borġ u ż-żewġ uliedhom (l-atturi f'din il-kawza), konġuntement u suċċessivament.  Huwa ħalla wkoll b'werriet tiegħu

[1] Dok "A" f'paġġ. 5-9 tal-proċess

f'sehem ta' kwart ieħor mhux maqsum u fi proprjeta' assoluta lil ħuh Kalċidon, li miet fl-1977. L-imħarrek, li jiġi bin oħt it-testatur Loreto Bonniċi, inħatar werriet tan-nofs mhux maqsum tal-wirt tat-testatur, filwaqt li ġie mħolli n-*nuda proprietas* tas-sehem imħolli b'użufrutt lill-familja ta' l-atturi. L-istess Loreto Bonniċi żied jaħtar lill-imħarrek bħala eżekutur testamentarju tiegħu, u dan b'testment ieħor li huwa għamel għand l-istess nutar fit-23 ta' Diċembru, 1976,[2] li fih mill-bqija ikkonferma dak li kien iddispona fl-ewwel testment imsemmi. L-imsemmi Loreto Bonniċi miet fis-26 ta' Diċembru, 1976. L-atturi fetħu kawża kontra l-imħarrek fl-1984 biex jimpunjaw ir-rendikont tat-tmexxija tiegħu tal-wirt liema kawża inqatgħet kontra l-atturi fi Frar tal-1996 fl-ewwel istanza, u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-appell f'Ġunju ta' l-2001[3]. Fil-11 ta' Lulju, 2001, infetħet din il-kawża;

"Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-aspetti tad-dritt marbuta ma' l-eċċezjoni taħt eżami</u>, qiegħed jingħad mill-imħarrek li l-atturi messhom fetħu din il-kawża fi żmien għaxar (10) snin minn mindu nfetaħ il-wirt ta' Loreto Bonniċi, jiġifieri sa Diċembru tal-1986. L-imħarrek jgħid li dak li qegħdin jitolbu l-atturi jaqa' sewwasew f'dak li jipprovdi l-artiklu 845 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u billi huma, matul iż-żmien kollu wara l-mewt ta' Loreto Bonniċi, ma ressqu l-ebda att ġudizzjarju biex iwaqqfu ż-żmien milli jgħaddi, allura din l-azzjoni tagħhom saret tard. Minn naħa tagħhom, l-atturi jisħqu li dak li qegħdin jitolbu ma jaqax fl-għamla ta' talbiet maħsubin fl-artiklu msemmi. Dak li qegħdin jippretendu f'din il-kawża huwa l-ħlas ta' frott li jispetta lilhom kull sena u ma kienx likwidat jew likwidabbli biss mal-mewt tat-testatur Bonniċi. Għalhekk jgħidu li l-artikolu li fuqu hija mibnija l-eċċezzjoni taħt eżami ma japplikax għall-każ tagħhom;

"Illi, dwar dan l-aħħar punt, il-Qorti tasal biex taqbel ma' dak li qegħdin jissottomettu l-atturi: huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda ġid li ġej minn wirt taqa' taħt iż-żmien preskrittiv ta' l-artikolu 845. Wieħed irid jagħraf bejn azzjoni għas-sehem fil-wirt (*petitio hereditatis*) u

[2] Dok "B" f'paġ. 8 tal-proċess
[3] Dok "A1" f'paġġ. 21-33 tal-proċess

azzjoni dwar ġid li kien jagħmel minn wirt, bħal fil-każ ta' azzjoni għall-qasma ta' ġid komuni mnissel minn wirt. L-istess jingħad dwar xi għamla ta' azzjoni li timmira għal xi aspett partikolari tal-proċess tal-likwidazzjoni jew tmexxija ta' ġid f'wirt;

"Illi m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li l-atturi qegħdin imexxu kontra l-imħarrek hija immirata li tolqot għamil tiegħu bħala eżekutur testamentarju, u mhux bħala werriet. Jidher li dwar dan jaqbel saħansitra l-imħarrek innifsu li, fin-Nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu u bil-ħsieb li jwarrab il-pretensjonijiet ta' l-atturi, jisħaq li, bħala eżekutur testamentarju, mexa kif imiss u skond il-liġi. M'hemm l-ebda dubju wkoll li l-għamil li dwaru l-atturi jgħidu li ġarrbu ħsara kien, fil-fatt, wieħed li l-imħarrek wettaq bħala parti mid-dmirijiet li jaqgħu fuqu bħala eżekutur;

"Illi ż-żmien preskrittiv maħsub fl-artikolu 845 ġie mfisser bħala wieħed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u għandu minn żmien ta' preskrizzjoni akkwiżittiva. Il-prinċipju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawżi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, għaż-żmien ta' għaxar snin, ikun żamm f'idejh bħala sid il-ġid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja;

"Illi, madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni maħsuba f'dak l-artikolu, ingħad li persuna li ma żżommx għandha ħwejjeġ jew assi minn wirt bħala tagħha, ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-għaxar snin tal-*petitio hereditatis* li dwarha jitkellem l-artikolu taħt eżami. Dan ifisser li eċċezzjoni bħal dik ma tistax titqajjem minn min ikun eżekutur testamentarju jew amministratur ta' wirt jew ikun azzjonat f'dik il-kwalita'[4];

"Illi, minbarra dan, irid jingħad ukoll li filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-użufruttwarju huwa legatarju, it-talba ta' użufruttwarju biex jitħallas il-frottijiet li jitnisslu mill-ħwejjeġ tal-wirt milquta bil-legat tiegħu ma tistax titqies bħala talba

[4] Ara App. Ċiv. **28.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Żammit*** (Kolleż. Vol: **XXXIX.i.139**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmijin

għat-tqegħid fil-pussess tal-legat[5], liema pussess huwa impliċitu fit-talba nnifisha għall-ħlas ta' l-imsemmija frottijiet;

"Illi l-Qorti qegħda tagħmilha ċara li dak kollu li qieset fis-sentenza tagħha tal-lum huwa marbut sfiq ma' l-għamla ta' azzjoni li ressqu l-atturi. Bl-ebda mod ma trid li xi ħaġa li tingħad fil-konsiderazzjonijiet magħmulin hawn fuq titfa' xi dell jew rifless fuq l-aġir ta' l-imħarrek fl-amministrazzjoni tiegħu tal-wirt ta' Loreto Bonniċi in ġenerali, u ta' l-użu tal-flus tal-wirt għall-ħlas tat-taxxa tas-suċċessjoni in partikolari. Dawn huma konsiderazzjonijiet li jmissu l-mertu tal-kawża u li għad iridu jiġu mistħarrġin meta u jekk il-kawża tegħleb l-aspetti preliminari li ressaq l-imħarrek innifsu;

"Illi, għall-bqija, il-Qorti waslet għall-fehma li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha ta' fatti u tad-dritt li jsawru dan il-każ, ma taħsibhiex bħall-imħarrek dwar it-tul ta' żmien li l-atturi kellhom biex iressqu l-azzjoni tagħhom, u għalhekk m'hijiex qegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla minnu. M'hijiex tal-fehma lanqas li l-artikolu li fuqu qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tiegħu japplika għall-għamla ta' azzjoni li ressqu kontrih l-atturi;

Rat li b'nota ta' l-1 ta' Dicembru, 2004, il-konvenuti irtiraw it-tieni eccezzjoni, cioe`, dik ta' *ne bis in idem*;

Rat is-sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civli fl-24 ta' Mejju, 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"...fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici izda limitatament kif inghad qabel u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' tmint elef, erba' mija u tmienja u disghin Lira Maltin (Lm8,498); bl-imghaxjiet ulterjuri sal-hlas effettiv skond il-ligi. L-ispejjes jithallsu kwantu ghal kwint (1/5) mill-atturi u l-komplament (4/5) mill-konvenuti."

[5] Ara P.A. MCC **28.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Marguerite Curmi vs Bertha Caruana Dingli*** (mhix pubblikata)

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-kwistjoni li trid tigi deciza f’din il-kawza huwa jekk il-konvenut originali Joseph Bianco li kien l-esekutur testamentarju tad-decujus Loreto Bonnici kienx gustifikat li jhallas it-taxxa kollha tas-succcesjoni dovuta mill-wirt tieghu mill-assi ta’ l-istess mejjet. L-atturi qed isostnu illi meta ghamel dan huwa naqqas jekk ma gabx fix-xejn l-usufrutt dovut lilhom skond it-testment ahhari tal-mejjet.

“Kif gia’ inghad l-atturi kienu ntavolaw kawza ohra fejn talbu li l-konvenut jigi kkundannat jghaddilhom rendikont *tajjeb* billi skond huma dak prezentat minnu ma kienx. Il-Qorti ta’ l-appell ikkonkludiet illi fil-waqt li l-atturi jistghu ma jaqblux mar-rendikont dan kien jirrispekkja l-operat tal-konvenut u kwindi ma setghux jghidu li r-rendikont ma kienx tajjeb. Fil-verita’ l-kontestazzjoni dejjem kienet appuntu l-hlas li sar mill-konvenut tat-taxxa in kwistjoni u l-atturi mill-bidu sostnew li t-taxxa ma kellhiex titnaqqas mill-eredita’ kollha ghax b’dan il-mod huma gew pregudikati.

“Ghalkemm l-atturi ccaraw il-posizzjoni taghhom fin-noti ta’ osservazzjonijiet li pprezentaw, ic-citazzjoni taghhom donnha timplika li huma ma ghandhomx ihallsu ebda taxxa. Din hija pozizzjoni zbaljata ghaliex hu car li kull benefficjaru kellu jhallas it-taxxa tas-successjoni dovuta fiz-zmien in kwistjoni, naturalment skond il-beneficcju li jiehu mill-wirt. Huwa minnu li kif qal il-konvenut, il-Gvern kellu privilegg spcjali li johrog mill-istess ligi u kellu s-setgha li jipprocedi kontra xi wiehed mill-werrieta izda dan ma jippregudikax id-drittijiet ta’ rifuzjoni bejn il-partijiet. Per ezempju fil-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet <u>Emmanuele Cassar vs Gerald Azzopardi</u> (29 ta’ Mejju, 1967) intqal illi;

“*Il-legatarju hu obligat li jirrifondi lill-eredi fil-proporzjon li ikun ibbenefika, mhux biss it-taxxa tas-successjoni dovuta fuq dan il-legat izda anke t-taxxa fuq l-assi tad-decujus.*

“*Hu naturali li ghal finijiet tal-likwidazzjoni tat-taxxa tas-successjoni li ghandha tithallas mill-werrieta bhal taxxa*

*ohra diversa mit-taxxa fuq l-assi, jintaqqas il-valur tal-legati imhollijin lill-haddiehor. Minn dawn il-egati il-werrieta ma jibbenefikawx u ghalhekk certament ma jhallsux taxxa tas-succesjoni.*”

“Huwa ghalhekk car li l-atturi kellhom ukoll ihallsu t-taxxa ta’-successjoni skond il-ligi dakinhar vigenti izda l-Qorti trid allura tara jekk meta l-konvenut originali hallas it-taxxa mill-flus appartenenti ghall-eredita’ ghamilx hekk a skapitu tal-legat imholli lill-atturi – fi kliem iehor il-Qorti trid tara kemm kellha tkun it-taxxa biex tasal ghall-konkluzjoni jekk il-konvenut kienx naqqas il-parti dovut lill-atturi biex hallas it-taxxa kollha pagabbli mill-assi tal-mejjet.

“It-tielet eccezzjoni hija fis-sens li l-ispejjes tal-konsenja tal-legati ghandhom jithallsu mill-legatarju. Dan hu fatt (Artikolu 733 tal-Kapitolu 16) izda l-Qorti ma tarax dan x’ghandu x’jaqsam ma’ din il-kawza. It-taxxa tas-succesjoni ma hijiex spiza biex issir il-konsenja izda dejn ta’ min jibbenefika mill-wirt. Allura l-Qorti lanqas ma taqbel mal-konvenuti illi stante li li t-taxxa kellha tithallas qabel ir-rilaxx tal-wirt (Artikolu 41 tal-Kapitolu 239) il-konvenut kien gustifikat li jhallas it-taxxa mill-assi.

“Fil-verita` l-konvenut kellu alternattiva ohra u cioe` li jhallas minn butu u mbaghad inaqqas mill-ammont li jhallas lill-atturi t-taxxa li jkun hallsilhom. Naturalment pero` dan jista’ jikkostitwixxi certi diffikoltajiet ghall-esekutur jew ghall-werriet specjalment meta t-taxxa tkun ta’ certu spessur kif kienet f’ dan il-kaz – iktar minn tlieta u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm23,000) fl-1978 kien ammont kbir sew. Meta pero` l-konvenut hallas mill-wirt, kien evidenti li kien qed ihallas ghan-nom ta’ l-atturi ammont ikbar minn dak li kellhom ihallsu. Dan ghaliex l-atturi bbenefikaw mill-usufrutt ta’ kwart tal-wirt meta fil-fatt meta ghamel kif ghamel kien qed ihallas mis-sehem taghhom <u>taxxa ghall kwart tal-wirt</u>. Dan meta palesament it-taxxa fuq l-usufrutt kellha tkun zgur inqas minn dik altrimenti pagabbli fuq wirt ta’ proprjeta’ mhux soggetta ghall-usufrutt. Il-ligi infatti kienet tipprovdi mekkanizmu kif kellha tinhadem it-taxxa kemm fuq wirt ta’ propjeta intiera u kemm fuq wirt ta’ uzufrutt u ta’ nuda proprjeta’ (Artikolu 11

l-ewwel skeda). L-atturi ghalhekk ghandhom dritt jitolbu l-hlas ta’ l-imghaxijiet li huma ma setghux jippercepixxu minhabba l-agir tal-konvenut ghaliex dan ma kienx gustifikat u ddannegja b’dan il-mod lill-atturi.

“Stabbilit dan allura fil-waqt li l-konvenut kien tenut skond il-ligi bhala esekutur testamentarju li jhallas it-taxxa fuq il-wirt, il-mod kif hallas it-taxxa f’dan il-kaz bil-fors li ghamel hsara lill-atturi ghaliex dawn gew hallsu zgur iktar mid-dovut.

“Kwantu ghall-ammont preciz ix-xhieda ta’ l-attrici a fol 89 tal-process ta’ l-ewwel kawza li t-taxxa li kellhom ihallsu l-atturi kellha tkun ta’ elf, seba’ mija u dsatax-il Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,719.41) ma gietx kontradetta u fil-waqt li l-Qorti thoss li setghet issir prova ahjar, fis-sens li setghet saret minn persuna teknika, l-attrici qalet li gabet din l-informazzjoni mid-dipartiment tat-taxxi interni u kif gia’ inghad, dan ma giex kontradett.

“Ghalhekk fil-principju t-talba attrici timmerita li tigi akkolta. Hemm pero` mbaghad il-kwistjoni ta’ kemm huwa dovut lill-atturi. Skond il-prospett esebit minnhom huma qed jirreklamaw imghaxijiet fuq is-somma ta’ hamest elef, seba’ mija u sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm5756.81) u cioe` il-kwart tas-somma li thallset mill-konvenut lid-dipartiment, fuq perjodu li jibda mid-data tal-mewt tad-decujus. Wara li hadmu s-somma, huma naqsu s-somma ta’ elf, seba’ mija u dsatax-il Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm1719.41) fuq imsemmija.

“Il-Qorti ma taqblix ghal kollox ma’ din il-komputazzjoni. L-ewwelnett it-taxxa thallset f’Gunju 1978 (ara d-deposizzjoni ta’ l-istess attrici a fol 89 ta’ l-ewwel kawza) u ghalhekk *semmai* ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar. Dan ghaliex l-atturi fis-sustanza qed jitolbu d-danni u dawn bdew jiddekorru meta sar il-hlas u mhux qabel. Huwa minnu li huma qatt ma kienu fil-pussess tal-legat izda anke kieku ma kienx hemm esekutur mahtur, ma jfissirx li kienu jistghu jiehdu l-pussess qabel ghaliex fic-cirkostanzi normali dejjem jghaddu xi xhur qabel mal-

legatarju jiehu l-pussess anke jekk skond il-ligi dan jghaddi immedjatament ghand il-legatarju. Fi kliem iehor l-atturi bdew isofru d-danni meta sar il-hlas u mhux meta legalment il-legat ghadda ghandhom.

“Iktar importanti pero` hu li l-ammont ta’ elf, seba’ mija u dsatax-il Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm1,719.41) ghandu jitnaqqas QABEL u mhux wara, u cioe` li jrid jitnaqqas mis-somma ta’ hamest elef, seba’ mija u sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm5756.81) u fuqu jinhadem l-imghax. Dan ghaliex it-taxxa kellha tithallas dakinhar (mal-mewt tad-decujus) u mhux issa. Il-konvenut kellu bil-fors ihallas it-taxxa izda ghamel hazin li meta hallasha qata’ parti mill-ammont li fuqu l-atturi kellhom l-usufrutt. L-atturi pero` ma jistghux jippretendu li huma jiehdu l-usufrutt fuq is-somma ntiera li fuqha wirtu l-usufrutt ghaliex huma bhala legatarji kellhom ihallsu t-taxxa ukoll dakinhar li wirtuh.

“Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjonijiet l-ohra li tqajjmu fin-noti tal-partijiet, ghalkemm ta’ interess akkademiku notevoli, ma ghandhomx rilevenza fuq il-punti li fuqhom il-Qorti waslet ghas-soluzzjoni tal-kawza.

“Ghalhekk irid jinhadem l-imghax fuq is-somma ta’ erbat elef, sebgha u tletin Lira Maltin u erbghin centezmu (Lm4,037.40) minn Gunju 1978 sad-data tas-sentenza u ghalhekk bis-sitta fil-mija sa April 1984 u minn dakinhar bit-tmienja fil-mija. Dan jammonta ghal tmint elef, erba’ mija u tmienja u disghin Lira Maltin (Lm8,498).”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi talbu li din il-Qorti joghgobha:

“i) thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza parzjali moghtija fit-23 ta’Jannar 2003 per Onor. Imhallef J.R. Micallef u konsegwentement tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni,

“ii) f’kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma thossx illi ghandha tilqa’ l-ewwel aggravju dwar il-preskrizzjoni allura thassar,

tirrevoka u tikkancella s-sentenza finali moghtija fl-24 ta' Mejju 2006 per Onor. Imhallef J. Azzopardi u,

a) jew tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati jew alternattivament,

b) jekk din l-Onorabbli Qorti ma thossx illi l-ewwel Qorti kellha tichad it-talbiet attrici allura terga' tillikwida l-ammont dovut lill-atturi minhabba r-ragunijiet moghtija f'dan l-appell."

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza (recte: sentenzi) appellata bhala wahda ekwa u gusta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi thallew b'titolu ta' legat l-uzufrutt konguntiv u successiv ta' kwart indiviz ta' l-assi kollha ta' Loreto Bonnici li miet fis-26 ta' Dicembru, 1976; dan il-legat thalla lilhom in forza ta' zewg testmenti li d-decujus kien ghamel fl-atti tan-Nutar Francis X. Dingli fid-9 ta' Novembru, 1976 u fit-23 ta' Dicembru, 1976. Il-konvenut Joseph Bianco huwa l-eredi ta' Loreto Bonnici u kien gie mahtur ukoll esekutur testamentarju. Fil-kwalita` tieghu ta' esekutur testamentarju l-konvenut uza l-assi tad-decujus u hallas Lm23,027 bhala taxxa tas-successjoni. L-atturi ilmentaw li fuq kwart minn dawn il-flus, huma jgawdu l-uzufrutt, u kwindi m'ghandhomx jigu mcahda mill-imghax fuq il-kwart, cioe` fuq Lm5756.81, u talbu lill-konvenut ihallas l-imghax relattiv.

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni fit-terminu ta' l-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili. L-ewwel Qorti, bis-sentenza preliminari taghha tat-23 ta' Jannar, 2003, kienet cahdet din l-eccezzjoni, u l-

konvenuti, bhala eredi tal-konvenut Joseph Bianco, appellaw fl-ewwel lok minn din is-sentenza bl-osservazzjoni taghhom tkun lil-imghax huwa parti mill-wirt, u la darba d-decujus miet fl-1976, skond l-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili, azzjoni biex jintalab legat tispicca bl-gheluq ta’ 10 snin mill-ftuh tas-successjoni; peress li l-kawza giet istitwita f’Lulju tal-2001, wara li skadew l-10 snin mill-mewt ta’ Loreto Bonnici, qed jargumentaw li l-azzoni attrici hi perenta.

Iz-zmien mahsub fl-Artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta’ dekadenza, u ghandu miz-zmien ta’ preskrizzjoni akkwizittiva (“**Borg v. Zammit**”, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Marzu, 1955). Dan l-artikolu gie spjegat fis-sens li barra mill-element taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat anke l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun il-pussess formali, jigifieri li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali u mhux bizzejjed il-pussess di diritto (“**Camilleri v. Camilleri**”, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta’ Novembru, 2000). Issa, f’dan il-kaz, ghalkemm il-konvenut hu eredi ta’ Loreto Bonnici, huwa inhatar ukoll esekutur testamentarju tieghu, u f’dik il-kwalita` hu ma jipposjedix l-assi *in nomine proprio*. Fil-kawza “**Apap Bologna Gatto v. Reynaud et**”, deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Gunju, 1967, gie konfermat li l-esekutur testamentarju hu mandatarju bi dmir u obbligu li jesegwixxi t-testment, u kwindi, f’dik il-vesti, ghal dawk li huma l-flus li huma dovuti lill-atturi, hu ma kellux il-pussess taghhom *animo domini*. Il-konvenut, fuq kwart mill-assi tad-decujus, ghandu biss in-nuda proprjeta` u mhux dik shiha, u kwindi ma kellux l-esklussivita` tal-pussess, mehtiega biex topera l-preskrizzjoni in kwistjoni. Il-pussess komuni ereditarju huwa ta’ ostakolu ghad-dekors ta’ kwalunkwe preskrizzjoni ta’ azzjoni simili.

Minbarra dan, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, fuq l-iskorta ta’ dak li kien deciz mill-istess Qorti fil-kawza “**Curmi v. Caruana Dingli**”, deciza fit-28 ta’ April, 1977, irid jinghad ukoll li filwaqt li m’hemm l-ebda dubju li l-uzufruttwarju huwa legatarju, it-talba ta’ uzufruttwarju biex

<u>jithallas il-frottijiet</u> li jitnisslu mill-hwejjeg tal-wirt milquta bil-legat tieghu, mhux l-istess bhal talba <u>ghall-ghoti tal-pussess tal-legat</u>. F'din il-kawza, l-atturi mhux qed jitolbu l-legat, imma partijiet mill-frottijiet ta' dak l-istess legat. Il-legat ta' l-atturi mhux kontestat, tant li l-konvenut regolarment kien jghaddilhom l-imghaxijiet li huma intitolati ghalih; l-atturi, pero`, jippretendu li ghandhom jiehdu izjed, ghax qed jikkalkulaw li l-imghaxijiet ghandhom jithallsu lilhom fuq l-assi tal-wirt minghajr tnaqqis minhabba taxxa mhux minnhom dovuta.

Kwindi, jidher car li l-preskrizzjoni invokata mhux applikabbli ghall-azzjoni attrici, u c-cahda ta' l-eccezzjoni relattiva mill-ewwel Qorti qed tigi konfermata.

Ghar-rigward is-sentenza fuq il-meritu, li minnha l-konvenuti appellaw ukoll, ghandu jinghad li skond il-ligi in vigore dak iz-zmien (l-Att Dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni), l-esekutur testamentarju kellu obbligu li jhallas it-taxxa mill-proprjeta` li tkun taht it-tmexxija tieghu. Il-werriet u l-legatarju ghandhom il-parti taghhom xi jhallsu, ghalkemm fil-konfront ta' l-erarju r-responsabbilita` taghhom hija *in solidum*. La darba l-legatarju ma jkunx gie ezentat fit-testment mill-hlas tat-taxxa relattiva, kull min jibbenefika mill-assi, sew jekk b'titolu universali bhala werriet sew jekk b'titolu partikolari bhala legatarju, ghandu jbati sehem mit-taxxa fuq l-assi <u>in proporzjon ta' l-interess tieghu successorju fl-assi</u>. Ghalhekk, ghalkemm l-esekutur testamentarju jista' jhallas it-taxxa mill-assi tal-wirt, u ghall-erarju l-provenjenza tal-flus hi immaterjali, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "**Cassar v. Azzopardi**", deciza fid-29 ta' Mejju, 1967, "*fir-relazzjonijiet interni bejn il-beneficjati bejniethom, kull wiehed ibati s-sehem proporzjonali tieghu*".

Issa, f'dan il-kaz, l-atturi urew li sehemhom mit-taxxa tas-successjoni dovuta kellha tkun ta' Lm1719.41. Hu veru li l-atturi ma resqux l-ahjar prova biex jindikaw dan, pero`, la darba l-Qorti tkun sodisfatta b'dik il-prova kif prodotta, ma jkunx mehtieg li tinsisti ghal prova ahjar. Inoltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "**Bonnici v. Patrick Cachia & Sons**

**Ltd**", deciza fit-3 ta' Marzu, 2006, fil-kuntest ta' talba ghall-hlas:
"darba li s-socjeta` appellata xehdet u esebiet 'statements' dettaljati ta' dak li kienet qeghdha titlob bhala sorte, l-oneru tal-prova biex iwaqqghu l-pretensjoni attrici dar fuq l-appellant."

Anke f'dan il-kaz, l-atturi esebew prospett indikanti t-taxxa li, skond huma, kienet dovuta minnhom, u la darba din ma gietx kontestata jew kontradetta, ghamlet sew l-ewwel Qorti li bbazat il-kalkoli taghha fuqha.

L-ewwel Qorti rat li l-atturi, ghal ewwel, kienu qed jippretendu imghax fuq il-kwart tat-taxxa imhallsa, cioe` Lm5756.81. Eventwalment l-atturi naqsu minn din is-somma t-taxxa minnhom dovuta, cioe` is-somma ta' Lm1,719.41. Ghalhekk, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, l-imghax ghandu jithallas fuq Lm4,037.40. L-ewwel Qorti qalet ukoll li dan l-imghax ghandu jithallas minn meta thallset it-taxxa mill-konvenut, cioe` minn Gunju 1978. Il-konvenuti issottomettew li l-imghax ghandu jkun dovut mid-data ta' l-ittra ufficjali interpellatorja. Fil-waqt li l-gurisprudenza tghid li f'kaz ta' talba <u>ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat</u>, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficjali, kif gia` intwera, hawnhekk l-atturi mhux qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-legat, izda l-hlas tal-frottijiet tal-legat. Huma qed jitolbu dak li hu taghhom, u dana ghandhom dritt ghalih minn dak inhar li gew imcahhda minnu.

La darba irrizulta li l-atturi gew imcahhda mill-imghax fuq somma flus, ghamlet sew l-ewwel Qorti li kkalkulat l-istess bis-6% sa certu data u bit-8% wara dik id-data, ghax hawn non si tratta minn uzufrutt fuq bini mikrija b'kirjiet minimi jew affarijiet ohra zghar (li wkoll jistghu jiffurmaw parti mill-assi tad-decujus), izda minn uzufrutt fuq flus (uzati indebitament biex tithallas it-taxxa) li hu obbligu ta' l-ezekutur testamentarju li jinvesti bl-aktar mod fruttiferu fl-interess tal-beneficcjarji. Dina l-Qorti, ghalhekk taqbel mal-mod ta' kalkolu kif maghmul mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* z-zewg sentenzi appellati.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-Prim Awla, waqt li dawk tal-proceduri quddiem din il-Qorti jithallsu mill-konvenuti appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------